MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 100/2002/1

**Nicholas Depiro d'Amico Inguanez, Elisabeth Bianchi proprio u ghan-nom ta' Madaleine O'Connell, Margaret Bianchi proprio u ghan-nom ta' Mary Teresa sive Mary Bailey.**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet, u b'digriet tas-7 ta' Novembru 2002, gew kjamati fil-kawza d-Direttur tad-Dipartiment tal-Biedja u l-Kunsill Lokali tal-Marsa.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk:
“Peress illi l-atturi huma l-unici werrieta universali ta’ missierhom, il-mejjet Baruni Jerome Depiro D’Amico Inguanez, skond testment *unica carta* fl-atti tan-Nutar Dottor Eugene Montanaro datat l-1 ta’ Gunju elf disa’ mija u tmenin (1.6.1989) hawn anness markat dok “A”; ricerki testamentarji hawn annessi Dok “A1”.

“Peress illi l-atturi wirtu porzjon art maghrufa bhala “Tas-Samra” limiti tal-Marsa tal-kejl superficjali ta’ cirka erbaght elef seba’ mija u sebgha u hamsin metri kwadri (4757) jew 4.2 tumoli delineata bil-kulur ahmar fil-pjanta hawn annessa markata dok “B” formanti parti minn bicca art akbar, markata bil-kulur isfar fil-pjanta hawn anness dok B2 liema art giet trasferita lill-imsemmi missierhom permezz ta’ zewg atti ta’ divizjoni fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras Trigona datati wiehed u tletin ta’ Lulju elf disa’ mija u disgha u sittin (31.7.1969) u tnax ta’ Gunju elf disa’ mija erbgha u sebghin (1974) hekk kif deskritta fl-imsemmija atti hawn annessi markati dok “C” u “D”.

“Peress illi l-atturi bhala l-unici werrieta tal-imsemmi missierhom il-mejjet Baruni Jerome Depiro D’Amico Inguanez dehru fuq att pubbliku fl-atti tan-Nutar Mario R. Bonello fl-14 ta’ April 1999 (hawn anness dok “E”) u ghamlu dikjarazzjoni *“causa mortis”* dwar l-art hawn fuq imsemmija ghall-finijiet ta’ l-Att Numru sbatax tas-sena elf disa’ mija tlieta u disghin (XVII/1999) dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

“Peress illi l-propjeta` in kwistjoni ittiehdet u ntuzat mill-Gvern ghall-skopijiet pubblici, stante illi sar gnien pubbliku fuq din l-istess art, u dan minghajr qatt ma nharget l-ebda dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta ghall-espropjazzjoni ta’ l-istess art u ma deher avviz fil-gazzetta tal-gvern skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-skopijiet pubblici u ma gietx segwita l-ebda procedura skond l-istess ordinanza u qatt ma sar ebda trasferiment ta’ titolu a favur il-Gvern.

“Peress illi minhabba s-suespost l-istess art ghadha sal-lum proprjeta` esklusiva tal-mittenti u l-Gvern ghadu qed

jokkupa l-fond deskritt abbuzivament u minghajr ebda titolu legali.

“Peress illi l-atturi jhossuhom aggravati u molestati fil-pussess taghhom bhala sidien tal-fond relattiv u fid-drittijiet u libertajiet fundamentali taghhom in kwantu huma gew imcahda mill-pussess u l-uzu tal-istess art bhal sidien.

“Peress illi s-sidien hawn fuq imsemmija tal-fond relattiv ghandhom jedd jitolbu lura l-istess fond minghand il-Gvern bhala l-pussessur tal-istess bicca art.

“Peress illi ghalkemm interpellati diversi drabi l-konvenuti baqghu inadempjenti, kopji ta’ diversi ittri ufficjali hawn annessi dok “f”.

“Tghid ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandiex;

“1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-Gvern ha pussess tal-art hawn fuq deskritta illegalment u abbuzivament minghajr ebda titolu jew dritt fil-ligi biex jaghmel dan u ghadu sal-lum jokkupa l-istess art illegalment u abbuzivament;
“2. konsegwentement jordna lill-konvenut sabiex fiz-zmien qasir u perentorju jizgombra mill-imsemmi fond, jirrilaxxaw l-art hawn fuq imsemmija u jirrintegraw l-atturi fil-pussess tal-istess proprjeta` hawn fuq deskritta;

“3. tiddeciedi u tiddikjara illi in vista tas-suespost l-atturi soffrew danni;

“4. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba fis-suespost;

“5. tordna l-konvenuti jhallsu d-danni kif likwidati lill-atturi.

“Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri ufficjali datati 1 ta’ April 1998 u 3 ta’ Mejju 1999 u 23 ta’ Lulju 2001 kontra l-konvenuti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet li in forza taghha eccepixxa illi;

“Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontra taghhom ghas-segwenti ragunijiet:-

“1. illi l-konvenut Kummissarju tal-Artijiet mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li huwa ma ha pussess ta’ ebda art appartenti lill-atturi.

“2. illi ghaldaqstant il-konvenut ma ghandu jizgombra minn ebda art.

“3. illi di piu l-konvenut ma kkawza ebda danni lill-atturi.”

Rat id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Novembru 2002, li in forza tieghu gew imsejha fil-kawza d-Direttur Dipartiment tal-Biedja u l-Kunsill Lokali tal-Marsa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“……tillibera lill-imsejjah fil-kawza Kunsill Lokali tal-Marsa mill-osservanza tal-gudizzju; tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici Margaret Bianchi kollha fil-konfront tal-konvenut u l-imsejjah fil-kawza Direttur tad-Dipartiment tal-Biedja; ghall fini tat-tieni talba tipprefiggi terminu ta’ tlett xhur; tillikwida d-danni mitluba ghall ammont ta’ tmienja u disghin elf u tmien mija Liri Maltin (Lm98,800) u tikkundanna lill-istess konvenut u msejjah fil-kawza Direttur tad-Dipartiment tal-Biedja biex ihallsu bejniethom f’ishma ndaqs dan l-ammont lill-attrici Margaret Bianchi.

“L-ispejjes jigu mhallsa mill-konvenut u l-istess kjamat in kawza imsemmi bejniethom.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

“Illi l-atturi talbu li jigu moghtija lura artijiet li gew spossessati minnhom fl-1979 cirka minghajr ma gew osservati da parti tal-konvenut il-ligijiet li jirrigwardjaw l-esproprjazzjoni ta’ art privata mill-Gvern. Il-konvenut qal li hu ma ha pussess ta’ ebda art izda ma ressaqx provi.

“Ghall-kuntrarju l-atturi ressqu diversi provi dokumentarji illi jipprovaw li l-art in kwistjoni hija taghhom; finalment l-attrici Margaret Bianchi saret proprjetarja unika ghaliex giet asenjata l-art permezz ta’ l-att pubblikat fit-18 ta’ Mejju 2005 u esebit a fol. 130 tal-process. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-art illum hija taghha.

“M’hemmx allura kontestazzjoni li l-art giet mehuda lill-proprjetarji fl-1979. Huwa maghruf illi; “*min jokkupa jew izomm ghandu gid ta’ haddiehor bla jedd irid jaghmel tajjeb ghad-danni li jgib b’dak li jaghmel*” – Markiza Agnese Gera De Petri vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali – Prim Awla – 27 ta’ Jannar, 2003; u Helen Miceli vs Carmelo Pisani – 14 ta’ Frar, 2004.

“Il-Qorti ghandha biss il-problema biex tiddeciedi min fil-fatt okkupa l-art. Il-konvenut indika li l-art ittiehdet mid-Dipartiment tal-Biedja illi da parti tieghu naqas li jressaq provi – kif *del resto* ghamel il-kjamat fil-kawza l-iehor il-Kunsill Lokali tal-Marsa. Rigward dan ta’ l-ahhar pero`, il-Qorti se tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward tat-talba ghad-danni ghaliex m’hemmx provi lanqas *prima facie* illi l-art in kwistjoni giet mghoddija mill-Gvern lill-Kunsill u jekk dan sar l-Kunsill zgur ikun in *bona fede* u allura zgur ma ghandux ihallas danni. Jekk saret xi devoluzzjoni kellha ssir il-prova. Se tilqa’ t-talbiet fir-rigward tal-konvenut u l-kjamat fil-kawza l-iehor u dan f’ishma ndaqs ghaliex b’ebda mod ma skagonaw ruhhom mit-talba attrici.

“Fir-rigward tad-danni l-Qorti ghandha quddiemha biss stima tal-Perit Camilleri li gie naturalment inkarigat mill-atturi *ex parte*. Dan ikkonferma bil-gurament li l-art fiz-zmien in kwistjoni kienet tiswa cirka tlieta u sittin elf Lira Maltin (Lm63,000) u llum sebat elef Lira Maltin (Lm700,000) – u l-valur lokatizju dak iz-zmien kien cirka

tlett elef u tmien mija Liri Maltin (Lm3,800) fis-sena u llum tnejn u erbghin elf Lira Maltin (Lm42,000).

“Billi l-atturi qed jitolbu li jigu moghtija lura l-art, il-Qorti se takkorda danni bbazat fuq il-valur lokatizju izda dak prevalenti fl-1979 meta ttiehdet l-art. Mhijex se takkorda imghaxijiet ghaliex l-ammont qed jigi likwidat illum u ma saritx talba gudizzjarja ghall-hlas tad-danni qabel l-ittri ufficjali li pprecedew il-kawza u li ma gewx esebiti. Ghalhekk se takkorda hlas ta’ tlett elef u tmien mija Liri Maltin (Lm3,800) fis-sena mill-1979 sa l-2006 ammontanti b’kollox ghal tmienja u disghin elf u tmien mija Liri Maltin (Lm98,800).”

Rat ir-rikors tal-appell ipprezentat mill-Kummissarju tal-Artijiet li in forza tieghu, ghar-ragunijet minnu premessi, talab lil din il-Qorti;

“……joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-16 ta’ Ottubru 2006, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u tipprovdi billi minflok tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront ta’ l-esponenti, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-esponenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.”

Rat ir-rikors tal-appell ipprezentat mid-Direttur Dipartiment tal-Biedja li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti;

“……joghgobha tannulla s-sentenza appellata jew tirrevokaha u thassarha u dan ghar-ragunijiet fuq migjuba, u tghaddi biex tibat lura l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi jigifieri biex it-terminu ghar-risposta tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-esponent kjamat in kawza jibda jiddekorri wara li l-Avukat Generali jigi notifikat, biex tiddeciedi l-vertenza u tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez.”

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-attrici Margaret Bianchi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti;

"……joghgobha tichad it-talbiet kollha tal-appellanti u tikkonferma l-korrettezza tas-sentenza appellata fl-ismijiet Baruni Nicholas Depiro d'Amico Inguanez et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et Cit nru. 100/02 deciza fis-16 ta' Novembru 2006 in kwantu ghall-ewwel u tieni talbiet attrici u b'hekk tordna lill-Kummissarju tal-Artijiet u d-Direttur tal-Biedja jizgombraw mill-fond in kwistjoni u jirrintegraw lill-esponent fil-pussess tal-istess proprjeta` fiz-zmien tlett xhur u tvarja it-tielet u raba' talbiet attrici b'dan illi tawmenta d-danni likwidati favur l-esponenti ghal Lm453,038.54 jew somma ohra verjuri u tordna lill-appellanti in solidum ihallsu dan l-ammont hekk likwidat u b'hekk bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti u bl-interessi."

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet ghall-appell incidentali tal-appellata Margaret Bianchi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi l-appell incidentali tal-appellata jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha;

Rat ir-risposta tal-appell tal-kjamata fil-kawza Kunsill Lokali tal-Marsa li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab lil din il-Qorti;

"……joghgobha tikkonferma dik il-parti tad-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Baruni Nicholas Depiro d'Amico Inguanez, in-Nobbli Elisabeth Bianchi proprio u ghan-nom tan-Nobbli Madeleine O'Connell, in-Nobbli Margaret Bianchi proprio u ghan-nom tan-Nobbli Mary Teresa sive Mary Bailey vs Kummissarju tal-Artijiet u b'digriet tas-7 ta' Novembru 2002, gew kjamati fil-kawza d-Direttur tad-Dipartiment tal-Biedja u l-Kunsill Lokali tal-Marsa** deciza nhar is-16 ta' Ottubru tas-sena 2006 fejjn illiberat lill-Kunsill Lokali esponenti mill-osservanza tal-gudizzju u tiddikjara li l-istess Kunsill m'ghandu jhallas ebda danni lill-attrici filwaqt li ghal kumplament tal-provvedimenti tas-sentenza appellata jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi, fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tittratta l-ilment proceduralì ssollevat mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Biedja fis-sens li l-kontumacja tieghu quddiem l-ewwel Qorti ma ghandhiex titqies li sehhet peress li ghalkemm id-dipartiment kien gie notifikat bl-att tac-Citazzjoni wara li gie msejjah fil-kawza u ma ressaqx nota tal-eccezzjonijiet, l-Avukat Generali qatt ma gie notifikat skond kif rikjest bl-Artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jipprovdu li kull att gudizzjarju "maghmul" kontra l-Gvern ghandu jigi notifikat lill-Kap tad-dipartiment relattiv u lill-Avukat Generali, u kull terminu biex issir risposta dwar att bhal dak ma jibdiex jiddekorri qabel mal-att jigi notifikat lill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li kontra tieghu jkun dirett u lill-Avukat Generali.

Apparti l-fatt li jista' jkun hemm dubju kemm dan l-artikolu japplika meta dipartiment tal-gvern jigi msejjah f'kawza li tkun gia` pendenti quddiem il-Qrati (u dan ghax l-att gudizzjarju ma jistax jitqies li kien "maghmul" kontra d-dipartiment koncernat tal-Gvern), f'dan il-kaz jirrizulta li tul l-erba' snin li din il-kawza damet pendenti quddiem l-ewwel Qorti, hadd min-naha tal-Gvern ma insista li l-Avukat Generali jigi notifikat bl-att, u dan avolja, kultant zmien, kien jidher ghas-seduti mizmuma mill-ewwel Qorti Avukat fl-impieg tal-Gvern.  Kif inghad, id-dipartiment governattiv in kwistjoni kien gie notifikat bl-att tac-citazzjoni, izda dan la ressaq in-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fit-terminu previst fil-ligi, <u>u f'ebda mument ma talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu minhabba li ma giex rispettat is-sub-artikolu in kwistjoni</u>.

Dan is-sub-artikolu jaghti l-fakolta` lil kull dipartiment tal-Gvern notifikat b'att gudizzjarju jinsisti li t-terminu ghar-risposta jibda jghaddi min-notifika tal-istess lill-avukat tieghu (l-Avukat Generali tar-Repubblika), pero` jekk l-istess dipartiment li jkun debitament notifikat bl-att ma jinvokax dan il-privilegg – f'dan il-kaz, ghall-erba' snin shah – ma jistax, ghall-din l'inattivita` tieghu jipprova jitlob il-kompjacenza tal-Qorti jew iqajjem il-kwistjoni fi stadju ta' appell.

Bizzejjed li dan l-artikolu jaghti privilegg lill-Gvern li mhux moghti wkoll lic-cittadin ordinarju, u ghalhekk, il-provvediment in kwistjoni ghandu jinghata interpretazzjoni restrettiva u m'ghandux jintuza biex jaghmel tajjeb ghan-negligenza perdurata u l-inattivita` tad-dipartiment tal-Gvern koncernat.

Dan l-aggravju qed jigi, ghalhekk, michud.

Rigward il-meritu, jirrizulta ampiament ippruvat li l-attrici hija propretarja ta' bicca art il-Marsa li ghall-habta <u>tal-1979</u>, il-Gvern qabad u okkupaha u kkonvertiha f'gnien pubbliku. Ma saret ebda esproprjazzjoni tal-art u lanqas ma gie ppubblikat avviz mill-President tar-Repubblika li l-art kienet mehtiega ghall xi skop pubbliku; kulma sehh kien okkupazzjoni mill-awtorita` ta' proprjeta` privata. Ma gie offrut, wisq anqas imhallas, ebda kumpens lill-proprjetarju, b'mod li fil-fehma ta' din il-Qorti ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-okkupazzjoni tal-art min-naha tal-Gvern kienet wahda illegali.

Il-konvenut u l-kjamati fil-kawza jippruvaw jitfghu wiehed fuq fl-iehor ir-responsabilita` ghal dak li sehh. Jidher li originarjament l-okkupazzjoni tal-art saret mid-Dipartiment tal-Agrikoltura (illum Dipartiment tal-Biedja) li qabad u ha pussess tal-art u kkonvertiha fi gnien pubbliku. Illum, dan il-gnien hu mizmum mill-Kunsill Lokali tal-Marsa fit-termini tal-funzjoni mixhut fuqu bis-sahha tal-Artikolu 33(c) tal-att dwar il-Kunsilli Lokali li jghid li hi funzjoni tal-Kunsill Lakoli "li jipprovdu li jsiru, jinzammu fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' *playgrounds* tat-tfal, gonna pubblici u centri ohra ta *sport*, kultura jew divertiment iehor" li jkunu jinsabu fil-limiti

tal-konfini tal-Kunsill Lokali. Peress li l-Kunsill sab dan il-gnien "ma' wiccu" u kien obbligat bil-ligi li jmantih, l-ewwel Qorti qieset li dan kien qed jagixxi in *bona fede* u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju. Ma gie interpost ebda appell kontra din il-konkluzzjoni tal-Qorti.
L-ewwel Qorti qieset li responsabbli ghal dak li gara u ghall-hlas tad-danni huma l-Kummissarju tal-Artijiet u d-Dipartiment tal-Biedja f'sehem ta' nofs kull wiehed.

Dawn iz-zewg entitajiet governattivi appellaw minn din id-decizjoni, bid-Dipartiment tal-Biedja jargumenta li l-inattivita` tal-proprjetarji mill-okkupazzjoni sal-1998, is-sena li fiha b'mod ufficjali huma talbu lura l-pussess tal-art, ifisser "kunsens" ghall-uzu tal-art mill-gvern b'titolu ta' kommodat. Il-Kummissarju tal-Artijiet jinsisti li hu m'ghandux x'jaqsam fil-kaz ghax hu qatt ma ha pussess tal-art u lanqas ma ordna li l-art tittiehed minn xi enti governattiva.

Trattat l-argument tad-Direttur, Dipartiment tal-Biedja, din il-Qorti tqiesu wiehed fiergha, u dan peress li biex jissustixxi l-kuntratt ta' self, trid tirrizulta` l-volonta` tal-proprjetarju li jikkoncedi l-oggett bi skop ta' uzu da parti ta' haddiehor. Din il-volonta` tista' tkun indikata b'mod tacitu, pero` jridu jirrizultaw cirkustanzi u indizji cari li jindikaw ir-rieda ta' dak li jkun li jikkoncedi dak l-uzu. F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-proprjetarji riedu jikkoncedu l-uzu ta' din l-art mill-awtoritajiet governattivi. L-ebda kontrattazzjoni ta' godiment bazata fuq l-uzu gratwit tal-haga ma giet murija, wisq anqasipprezentata mill-appellanti. Il-figura ta' kommodat qatt ma kienet intiza jew prevvista, lanqas tacitament, minn xi ftehim. Il-fatt li l-proprjetarji, ghal tul ta' zmien, ittolleraw (forsi) l-uzu li kien isir mill-art in kwistjoni, ma jattribwixxi l-ebda drittijiet, ghax kif jghallem il-Laurent ("Principii di Diritto Civile," Vol. XXXII para. 297), *"colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del propretario che questi puo ritirare da un istante all'altro."*
Kwindi l-appell tad-Direttur, Dipartiment tal-Biedja qed jigi michud.

Kwantu ghall-aggravju mressaq mill-Kummissarju tal-Artijiet, hu veru li ma jirrizultax b'mod dirett l-involviment tieghu fit-tehid tal-pussess tal-art in kwistjoni, pero`, fit-termini tat-tieni artikolu tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169 tal-Ligijiet ta' Malta),

"Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet kollha, kemm jekk moghtija jew kontingenti, dwar proprjeta` immobbli li tkun ta', jew fil-pussess ta', mizmuma jew amministrata mill-Gvern, jew dwar l-amministrazzjoni taghha, li ghalihom l-*Accountant General* kien intitolat jew suggett minnufih qabel il-bidu fis-sehh ta' din l-Ordinanza jkunu bis-sahha ta' din l-Ordinanza trasferiti lill-Kummissarju tal-Artijiet."

Il-Kummissarju tal-Artijiet huwa responsabbli mill-artijiet ta' u/jew fil-pussess tal-Gvern, u, kwindi, ghamlet sew l-ewwel Qorti li zammet lill-Kummissarju tal-Artijiet ko-responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici.

Ghar-rigward tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti appellaw il-konvenut u l-kjamat fil-kawza, Direttur, Dipartiment tal-Biedja, kif ukoll appellat incidentalment l-attrici Margaret Bianchi li talbet kumpens aktar gholi. Hu car mill-provi li l-art in kwistjoni ghandha titqies bhala art zvilupabbli, u gie muri lill-Qorti illi kieku din l-art baqghet fil-pussess tal-atturi, dawn kienu jistghu jizviluppaw l-imsemmija art fi tlettax il-plot, kif fil-fatt giet zviluppata f'zona residenzjali l-art madwar il-gnien in kwistjoni minn sidien ohra. Il-Perit Patrick Camilleri xehed li meta qies dawn ic-cirkustanzi u ohra rilevanti, huwa jistma l-art bhala li tiswa fl-2005, Lm700,000; fl-1978 il-valur tal-art kien Lm63,601. Din ix-xhieda la giet kontradetta u lanqas ma din il-Qorti giet murija ghaliex m'ghandhiex taccetta din l-istima.

Dwar il-valur lokatizju tal-istess art, l-imsemmi perit ikkalkulah bir-rata ta' 6% tal-istess valur, b'mod li allura l-valur lokatizju tal-art fl-1978 kien ta' Lm3,816. Il-perit hadem il-valur lokatizju tal-fond ghas-snin sussegwenti *"at a constant rate of increase"*, pero`, l-ewwel Qorti hadmet il-kalkolu taghha, ghall-fini tal-likwidazzjoni tal-kumpens, fuq il-valur lokatizju prevalenti fiz-zmien li ttiehdet l-art.

Din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-kumpens kif likwidat mill-ewwel Qorti. Hu veru li l-valur lokatizju tal-art baqa' jizdied kull sena sal-lum, pero`, tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti li l-attrici m'ghandiex tithalla tiehu vantagg mill-inattivita` taghha u tal-awturi taghha ghal tul ta' snin. Kien car mill-ewwel att ta' tehid ta' pussess li l-okkupazzjoni da parti tal-gvern kienet wahda illegali, izda ghall-kwazi 20 sena il-proprjetarji ma jidhirx li hadu passi konkreti biex jirrivendikaw l-art taghhom. L-ewwel interpellazzjoni ufficjali jidher li saret f'April tal-1998, u ghalkemm din giet segwita b'interpellazzjonijiet ohra kien biss f'Jannar tal-2002 li gew istitwiti dawn il-proceduri. L-atturi, ghal dan iz-zmien kollu ittolleraw lill-Gvern jaghmel uzu mill-art bhala gnien pubbliku, u l-kumpens ghandu, allura, jkun wiehed moderat. Fic-cirkustanzi, din il-Qorti tara li kumpens ta' Lm98,800 (illum €230,142) huwa gust u ekwu, u mhux se tvarjah.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi miz-zewg appelli principali u dak incidentali billi tichadhom kollha u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti, b'dan li t-terminu ta' tlett xhur iffissat mill-ewwel Qorti ghandu jibda jidekorri mil-lum.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk relatati ma' dan l-appell jithallsu miz-zewg appellanti u l-appellata incidentalment, billi kull parti thallas l-ispejjez relatati mal-appell jew appell incidentali minnha istitwit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------